

Emenda 1

Marco Valli, Laura Agea
f'isem il-Grupp EFDD

Rapport**Ingeborg Gräßle**

Kwittanza 2016: Baġit ġenerali tal-UE - L-Ombudsman Ewropew
2017/2143(DEC)

A8-0100/2018**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 18***Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

18. Jirrikonoxxi li l-Ombudsman qiegħda tesperjenza żieda sinifikanti ta' lmenti u **huwa konxju** tat-talba tagħha lill-Parlament, li għamlet fir-rapport ta' attività annwali tagħha għall-2016, għal żieda baġitarja **moderata** sabiex **jigū impjegati** persunal multilingwi supplimentari; **jinsab imħasseb li, b'riżultat tat-tnaqqis tal-persunal, ir-riżorsi disponibbli li jifdal f'kull servizz ma jippermettux l-assorbiment ta' żieda fil-volum tax-xogħol**; jistieden lill-awtoritajiet baġitarji jkunu konxji **mill-impatt** fit-tul tat-tnaqqis tal-persunal, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità tal-Ombudsman li ttejjeb il-bilanċi bejn is-sessi u l-bilanċi ġeografiċi, kif ukoll il-ħtieġa li tibni fuq il-kapaċità ta' uffiċjali bl-esperjenza biex jassumu karigi maniġerjali waqt li tiġi ppjanata l-allokazzjoni futura tar-riżorsi finanzjarji għall-persunal;

Emenda

18. Jirrikonoxxi li l-Ombudsman qiegħda tesperjenza żieda sinifikanti ta' lmenti u **jieħu nota** tat-talba tagħha lill-Parlament, li għamlet fir-rapport ta' attività annwali tagħha għall-2016, għal żieda baġitarja sabiex **jiġi impjegat** persunal multilingwi supplimentari; jistieden lill-awtoritajiet baġitarji jkunu konxji **tal-impatt** fit-tul tat-tnaqqis tal-persunal, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità tal-Ombudsman li ttejjeb il-bilanċi bejn is-sessi u l-bilanċi ġeografiċi, kif ukoll il-ħtieġa li tibni fuq il-kapaċità ta' uffiċjali bl-esperjenza biex jassumu karigi maniġerjali waqt li tiġi ppjanata l-allokazzjoni futura tar-riżorsi finanzjarji għall-persunal;

Or. en

Emenda 2

Marco Valli, Laura Agea
f'isem il-Grupp EFDD

Rapport

Ingeborg Gräßle

Kwittanza 2016: Baġit ġenerali tal-UE - L-Ombudsman Ewropew
2017/2143(DEC)

A8-0100/2018

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

24. **Jiddispjaċih għad-deċiżjoni** tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea; josserva li f'dan l-istadju ma tista' ssir l-ebda previżjoni dwar il-konsegwenzi finanzjarji, amministrattivi, umani u oħrajn relatati ma' dan il-ħruġ; jitlob lill-Ombudsman u lill-Qorti jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt u jinformaw lill-Parlament dwar ir-riżultati sa tmiem **l-**2018.

Emenda

24. **Jieħu nota tad-deċiżjoni** tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea; josserva li f'dan l-istadju ma tista' ssir l-ebda previżjoni dwar il-konsegwenzi finanzjarji, amministrattivi, umani u oħrajn relatati ma' dan il-ħruġ; jitlob lill-Ombudsman u lill-Qorti jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt u jinformaw lill-Parlament dwar ir-riżultati sa tmiem **is-sena** 2018.

Or. en